**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Mejju, 2018**

**Talba Nru: 545/2017PM1**

**Favell Wines & Spirits Limited (C37343)**

**Vs**

**Joswil Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erba' (4) ta' Dicembru, 2017 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimat jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' elf, mija u zewg euros u wiehed u ghoxrin centezmi (€1102.21) merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut gewwa Preston Bar (skont statement anness mal-avviz u mmarkat Dok. 'A'), bl-ispejjez tal-prezenti azzjoni, tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Settembru, 2016, tal-ittra ufficjali numru 1843/16 mahruga skont art. 166A tal-Kap. 12 u bl-imghax legali mid-19 t'Awwissu, 2016 data tal-ahhar fattura sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra l-istatement ezebit in atti bhala Dok. A anness mal-avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-26 t' April 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-26 t' April, 2018 u fil-fatt l-intimat ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-istatement ezebit in atti minn fejn jirrizulta li l-ammont mitlub jirrigwardja dejn ta' natura kummercjali. Jirrizulta wkoll mill-istess statement li l-ahhar fattura hija datata 19 t'Awwissu, 2016 u kwindi l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn din id-data. Fir-rigward tal-ispejjez dawn ukoll ghandhom jigu sopportati mill-konvenut salv ghal dawk koncernanti l-ittra legali interpellatorja li ma jistghux jigu likwidati permezz ta' din il-kawza fin-nuqqas ta' prova dwar l-istess.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' elf, mija u zewg euros u wiehed u ghoxrin centezmi (€1102.21) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut bl-ispejjez tal-prezenti azzjoni, tal-ittra ufficjali numru 1843/16 mahruga skont art. 166A tal-Kap. 12 u bl-imghax legali mid-19 t'Awwissu, 2016 sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**